



Linji Gwida tal-EBA
Dwar l-Eżerċizzju ta' Benchmarking tar-
Rimunerazzjoni

EBA/GL/2012/4

Londra, 27.07.2012

Linji Gwida tal-EBA dwar l-Eżerċizzju ta' Benchmarking tar-Rimunerazzjoni (EBA/GL/2012/4)

L-Istatus tal-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jaġhmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-mod ta' kif l-EBA tħares lejn il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew ta' kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni f'qasam partikolari. Għalhekk, l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw magħhom sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw magħhom billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (pereżempju billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew ir-regoli superviżorji tagħhom u/jew il-gwida jew il-proċessi superviżorji), inkluż meta l-linji gwida partikolari fid-dokument ikunu diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti tar-Rapportaġġ

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk humiex konformi jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jaġhtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, **sat-30 ta' Settembru 2012**. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima V tad-dokument preżenti lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2012/4'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni li jkollhom l-awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
4. In-notifika tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-EBA, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EBA.

II-Werrej

Titolu I – Suġġett, definizzjonijiet u ambitu.....	3
1. Suġġett u definizzjonijiet	3
2. L-ambitu tal-istituzzjonijiet soġġetti għall-ġbir tad-dejta.....	4
3. L-ambitu tal-konsolidazzjoni	4
Titolu II- Rekwiżiti rigward il-format u l-frekwenza tar-rapportaġġ għall-eżerċizzju ta’ benchmarking tar-rimunerazzjoni	4
4. L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa	4
5. Il-frekwenza tar-rapportaġġ u d-dati ta’ rimessa, u s-sena ta’ referenza	5
Titolu III- Dispożizzjonijiet tranżitorji u d-data tal-applikazzjoni	59
6. Arranġamenti tranżitorji	5
7. Data tal-applikazzjoni.....	5
ANNEX 1- Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri kollha tal-persunal	6
ANNEX 2- Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni ta’ membri identifikati tal-persunal	7

Titolu I – Suġġett, definizzjonijiet u ambitu

1. Suġġett u definizzjonijiet

1.1. Dawn il-linji gwida jipprovdu aktar dettalji dwar it-tweġġiq mill-awtoritajiet kompetenti u mill-EBA tal-eżerċizzju Ewropew ta’ benchmarking tar-rimunerazzjoni (minn hawn ‘il quddiem ‘eżerċizzju’) tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/48 (minn hawn ‘il quddiem ‘CRD’).

1.2. Dawn għandhom jinqraw flimkien mal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni li ġew ippubblikati fl-10 ta' Diċembru 2010.

1.3. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor, it-termini (klien jew espressjonijiet) użati f’din il-gwida, li jintużaw ukoll fil-Linji Gwida dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni, għandu jkollhom l-istess tifsira kif ipprovdata fihom. Dan japplika għal, fost l-oħrajn, it-termini: ‘istituzzjonijiet’, ‘membri (identifikati) tal-persunal’, ‘rimunerazzjoni fissa’, ‘rimunerazzjoni varjabbli’, ‘benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni’, ‘rimunerazzjoni varjabbli garantita’, ‘diferiment’ u

`strumenti`.

2. L-ambitu tal-istituzzjonijiet soġġetti għall-ġbir tad-dejta

2.1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jagħżlu l-istituzzjonijiet li għandhom jipparteċipaw fl-eżerċizzju, skont wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- a) l-istituzzjonijiet għandhom jirrappreżentaw 60 % tas-settur totali tas-servizzi bankarji u tal-investment tal-Istat Membru kkonċernat, kif definit fl-Art. 2 (8) tad-Direttiva 2002/87/KE u kif espress f'termini ta' assi totali aggregati ta' tali istituzzjonijiet sal-aħħar tas-sena;
- b) jew inkella, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jagħżlu l-akbar 20 istituzzjoni fis-settur tas-servizzi bankarji u tal-investment tal-Istat Membru kkonċernat, kif espressi f'termini tal-assi totali tagħhom sal-aħħar tas-sena.

2.2. Minbarra l-istituzzjonijiet inklużi fl-eżerċizzju skont il-kriterji minimi msemmija aktar 'il fuq, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jinkludu wkoll fl-eżerċizzju tagħhom kwalunkwe istituzzjoni oħra li huma jqisu li hija sinifikanti jew rilevanti sabiex jinkiseb kampjun divers u rappreżentattiv tal-istituzzjonijiet f'termini tad-daqs, il-mudelli tan-negozju u l-profilu tar-riskju, jew kwalunkwe istituzzjoni oħra li huma jqisu bħala neċessarja għal skopijiet ta' superviżjoni.

3. L-ambitu tal-konsolidazzjoni

3.1. L-eżerċizzju jsir fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, jiġifieri, il-livell ta' konsolidazzjoni taż-ŻEE kif stabbilit fis-CRD, li jkopri s-sussidjarji u l-fergħat kollha li ġew stabbiliti mill-istituzzjonijiet taż-ŻEE fi Stati Membri oħrajn u f'pajjiżi terzi.

3.2. L-entità li tirrapporta d-dejta superviżorja tal-grupp fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni taż-ŻEE kif stabbilit fis-CRD għandha timla u tibgħat l-informazzjoni deskritta f'dawn il-Linji Gwida lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-eżerċizzju tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata taż-ŻEE.

Titolu II- Rekwiżiti rigward il-format u l-frekwenza tar-rapportaġġ għall-eżerċizzju ta' benchmarking tar-rimunerazzjoni

4. L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa

4.1. Il-mudell ipprovdut fl-Anness 1 fuq l-informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal kollha għandu jiġi sottomess mill-istituzzjonijiet inklużi fl-eżerċizzju.

4.2. Il-mudell ipprovdut fl-Anness 2 fuq l-informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-`membri identifikati tal-persunal' għandu jiġi sottomess mill-istituzzjonijiet inklużi fl-eżerċizzju fir-rigward tal-`membri identifikati tal-persunal' biss.

5. Il-frekwenza tar-rapportaġġ u d-dati tas-sottomissjoni, u s-sena ta' referenza

5.1. L-informazzjoni msemmija aktar 'il fuq fl-Artikolu 4 għandha tiġi sottomessa mill-istituzzjonijiet lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3.2 kull sena sal-aħħar ta' Ġunju. L-awtorità kompetenti għandha mbagħad tissottometti din l-informazzjoni lill-EBA kull sena sal-aħħar ta' Awwissu.

5.2. L-informazzjoni msemmija aktar 'il fuq fl-Artikolu 4 għandha tkun relatata mar-rimunerazzjoni fissa u varjabbli mogħtija għall-eżekuzzjoni matul is-sena ta' qEBA l-is-sena tas-sottomissjoni tal-informazzjoni.

5.3. L-informazzjoni msemmija aktar 'il fuq fl-Artikolu 4 għandha tiġi sottomessa bl-użu ta' numri ta' tmiem is-sena finanzjarja f'waħda mill-muniti ewlenin jew fil-munita domestika tal-intrapriżi prinċipali ta' konsolidazzjoni taż-ŻEE (l-EBA għandha tagħmel il-konverżjonijiet fuq il-bażi tar-rata tal-kambju pubblika użata mill-Kummissjoni Ewropea għall-baġit u l-ipprogrammar finanzjarju).

Titolu III- Dispożizzjonijiet tranżitorji u d-data tal-applikazzjoni

6. Arranġamenti tranżitorji

L-ewwel dejta għandha tiġi sottomessa mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA sal-aħħar ta' Diċembru 2012. Hija għandha tkun relatata mar-rimunerazzjoni fissa u varjabbli mogħtija għas-snin tal-eżekuzzjoni 2010 u 2011.

7. Data tal-applikazzjoni

7.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-prattiki ta' superviżjoni tagħhom, inkluż meta l-linji gwida partikolari fid-dokument ikunu diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

7.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi kollha msemmija hawn fuq sabiex japplikaw dawn il-linji gwida mill-aktar fis possibbli u f'kull każ mhux aktar tard minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-Linji Gwida b'mod effettiv sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-ewwel sottomissjoni f'waqtha kif speċifikat fl-Artikolu 6.

ANNEX 1- Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri kollha tal-persunal

Isem tal-istituzzjoni/grupp:				
Is-sena tal-eżekuzzjoni li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (Sena N):				
Oqsma tan-negozju:	Servizzi bankarji ta' investiment¹	Servizzi bankarji blimnut²	Ġestjoni tal-assi³	L-oħrajn kollha⁴
In-numru totali ta' persunal⁵	#	#	#	#
Il-profitt nett totali fis-sena N⁶	mn			
Ir-rimunerazzjoni totali⁷	mn	mn	mn	mn
Li minnhom: Rimunerazzjoni varjabbli totali⁸	mn	mn	mn	mn

Nota 4 f'qiegħ il-paġna: Il-persunal irrapportat fil-kolonna "l-oħrajn kollha" jikkonsisti minn ... [għandha timtela skont in-nota 4 f'qiegħ il-paġna li tidher hawn taħt]

¹ Inkl. servizzi korporattivi ta' konsulenza finanzjarja, ekwità privata, swieq kapitali, kummerċ u bejgħ.

² Inkl. l-attività tal-kiri totali (lil individwi u intrapriżi).

³ Inkl. il-ġestjoni tal-portafoll, il-ġestjoni tal-UCITS u forom oħrajn ta' ġestjoni tal-assi.

⁴ Din il-kolonna għandha tinkludi membri tal-persunal li ma jistgħux jiġu allokati għal wieħed mill-oqsma ta' negozju nnominati. F'dan il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu nota f'qiegħ il-paġna (ara l-aħħar tat-tEBALLa) li tispjega f'liema oqsma jaħdmu dawn il-membri tal-persunal.

⁵ L-għadd ta' membri tal-persunal ipprovduti għandu jiġi espress f'ekwivalenti għal full time (FTEs) u jkun ibbażat fuq in-numri ta' tmiem is-sena.

⁶ Il-profitti netti għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema tal-kontabilità li tintuża għar-rapportaġġ regolatorju. Għall-gruppi, huwa l-profitt (jew it-telf) tal-grupp kollu (jiġifieri l-ammont attribwibbli għad-detenturi tal-ekwità tal-intrapriża prinċipali u għall-interess minoritarju).

⁷ Ir-rimunerazzjoni totali skont il-paragrafu 11 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni. L-ammonti ta' rimunerazzjoni pprovduti għandhom ikunu numri gross, inklużi l-ispejjeż kollha għall-istituzzjonijiet, għajr il-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-istituzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u skemi komparabbli.

⁸ Ir-rimunerazzjoni varjabbli skont il-paragrafu 11 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni. Din tinkludi r-rimunerazzjoni varjabbli diferita u mhux diferita. Tinkludi wkoll il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni, ammonti li jirrigwardjaw ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita u f'lasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg.

ANNEX 2- Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-membri identifikati tal-persunal

Isem tal-istituzzjoni/grupp:				
Is-sena tal-eżekuzzjoni li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (Sena N):				
Oqsma tan-negozju:	Servizzi bankarji ta' investiment¹⁰	Servizzi bankarji blimnut¹¹	Ġestjoni talassi¹²	L-oħrajn kollha¹³
In-numru ta' membri identifikati tal-persunal¹⁴	#	#	#	#
In-numru ta' membri identifikati tal-persunal f'pożizzjonijiet maniġerjali għolja¹⁵	#			
In-numru ta' membri identifikati tal-persunal f'funzjonijiet ta' kontroll	#			
Rimunerazzjoni fissa totali¹⁶	mn	mn	mn	mn
Rimunerazzjoni varjabbli totali¹⁷	mn	mn	mn	mn
Rimunerazzjoni varjabbli totali fi flus kontanti	mn	mn	mn	mn
Rimunerazzjoni varjabbli totali f'ishma u strumenti marbuta malishma	mn	mn	mn	mn
Rimunerazzjoni varjabbli totali f'tipi oħrajn ta' strumenti ¹⁸	mn	mn	mn	mn
Ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli diferita fis-Sena N¹⁹	mn	mn	mn	mn
Ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli diferita fi flus kontanti	mn	mn	mn	mn
Ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli diferita f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma	mn	mn	mn	mn
Ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli diferita f'tipi oħrajn ta' strumenti ²⁰	mn	mn	mn	mn

¹⁰ Inkl. servizzi korporattivi ta' konsulenza finanzjarja, ekwità privata, swieq kapitali, kummerċ u bejgħ.

¹¹ Inkl. l-attività tal-kiri totali (lil individwi u intrapriżi).

¹² Inkl. il-ġestjoni tal-portafoll, il-ġestjoni tal-UCITS u forom oħrajn ta' ġestjoni tal-assi.

¹³ Din il-kolonna għandha tinkludi membri tal-persunal li ma jistgħux jiġu allokatati għal wieħed mill-oqsma ta' negozju nnominati. F'dan il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu nota f'qiegħ il-paġna (ara l-aħħar tat-tEBAIIa) li tispjega f'liema oqsma jaħdmu dawn il-membri tal-persunal.

¹⁴ Il-membri identifikati tal-persunal skont il-paragrafu 16 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-

Rimunerazzjoni.

¹⁵ Din hija ekwivalenti għall-ewwel u t-tieni kategorija tal-Membri Identifikati tal-Persunal kif spjegat fil-paragrafu 16 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

¹⁶ Rimunerazzjoni fissa skont il-paragrafu 11 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

¹⁷ Ir-rimunerazzjoni varjabbli skont il-paragrafu 11 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni. Din tinkludi r-rimunerazzjoni diferita u mhux diferita. Tinkludi wkoll il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni, ammonti li jirrigwardjaw ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita u f'ħasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg.

¹⁸ Tipi differenti ta' strumenti definiti fit-taqsima 4.4.2 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

¹⁹ Rimunerazzjoni diferita skont it-taqsima 4.4.1 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

L-ammont ta' aġġustament espliċitu ta' eżekuzzjoni <i>ex post</i> ²¹ applikat fis-Sena N għar-rimunerazzjoni mogħtija fis-snin preċedenti.	mn	mn	mn	mn
In-numru ta' riċevituri ta' rimunerazzjoni varjabbli garantita ²²	#	#	#	#
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli garantita	mn	mn	mn	mn
In-numru ta' riċevituri ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg	#	#	#	#
L-ammont totali ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg imħallsin fis-Sena N	mn	mn	mn	mn
In-numru ta' riċevituri ta' benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni	#	#	#	#
L-ammont totali ta' benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni ²³	mn	mn	mn	mn

Nota f'qiegħ il-paġna: Il-persunal irrapportat fil-kolonna "l-oħrajn kollha" jikkonsisti minn ... [għandha timtela skont in-nota 12 f'qiegħ il-paġna li tidher hawn taħt]

²⁰ Tipi differenti ta' strumenti definiti fit-taqsimha 4.4.2 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

²¹ Aġġustament espliċitu tal-eżekuzzjoni *ex post* skont il-paragrafi 134 sa 139 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

²² Rimunerazzjoni varjabbli garantita skont it-taqsimha 3.2.1 tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.

²³ Benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni skont it-taqsimha 3.1.2. tal-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Politiki u l-Prattiki tar-Rimunerazzjoni.